***Attivitajiet Jannar 2025***

**It-3 ta' Jannar filgħodu-**Ħarġa Kulturali– Niltaqgħu fl-10.15am ħdejn il-Palazz il-Belt biex immorru Black Friars. Se jkollna gwida biex jispjegalna aħjar dak li nkunu qed naraw. Wara mmorru nieklu flimkien Luciano's il-Belt (min irid). Dħul għal Black Friars €8.

**L-10 ta' Jannar-**Kwizz-Mużika u Films ma' Victor Galea—Project House-20.00

**Is-17 ta' Jannar-**Joseph Farrugia se jkellimna fuq il-katakombi.

Project House-20.00

**L-24 ta' Jannar-**Taħdita mill-fiżjoterapista Roberto Agius-

Project House-20.00

**Il-31 ta' Jannar-**Birthday Celebrations ġewwa Peristyle Restaurant Rabat.

**Menu-**

**Starters-**Fish Soup-Shrimp Cocktail-Ravioli-Penne Bolognese

**Main-**Rib eye Steak– Chicken Breast– Salmon-Dott Steak-Rabbit

Dessert and 1 drink

Booking permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387.

**Prezz €27-Ħin 20.00**



Fuljett ta' kull xahar




Volum 27
Ħarġa 01
Jannar 2025

**Ħbieb,** nixtieq li jkollna aktar xogħol (kitba) tal-membri. Ma nixtieqx li nibqa' nikteb kollox jien u xi tnejn oħra. Ħadd minnha ma hu kittieb u għalhekk ħadd m'għandu jiddejjaq jikteb. Nixtieq ukoll li aktar membri jkunu huma li jtellgħu xi taħdita għall-ġimgħa.

Fuq linja oħra. Kemm jien kuntent bil-grupp kulturali tagħna. L-attendenzi huma tajba ħafna. L-iskop huwa li noħorġu u niltaqgħu jum ieħor f'xahar u li nitgħallmu x'joffri pajjiżna. Is-solitudni hija kerha ħafna.

Kuntent ħafna wkoll li toħorġu fi ġranet oħra, anke ma' gruppi oħra. Kif dejjem ngħid jien, aħna tal-Minus One m'aħna f'kompetizzjoni mal-ebda grupp ieħor. Jien nammira lil kull grupp li jaħdem biex dak li jkun jagħmel ħbieb ġodda.

Nixtieqkom tifhmu darba għal dejjem li l-grupp tagħna ma jagħtix kura mill-mard jew kundizzjonijiet varji li nsibu llum. Ukoll, huwa impossibbli li torganizza xi attività li togħġob lil kulħadd. Għalhekk jekk xi laqgħa ma tkunx ta' interess għalik, xorta waħda qed nitolbok biex tirrispetta lil ħadieħor. Min jiġi jkellimna, jagħmel hekk wara ġimgħa xogħol.

**Ġieli** jkun hemm min jippretendi li jirċievi il-fuljett ta' kull xahar bil-posta. Jiena tajt ordni sabiex kull min għandu internet jew Fb, il-fuljett jarah online. Il-fuljett ikun fuq il-website kif ukoll nagħmel link fuq fb. Il-15€ tal-membri mhux se nonfoqhom hekk. Nippreferi li nibqgħu nieħdu kafè flimkien u xi ħaġa tajba wara l-laqgħa u li nibqgħu nagħtu 5€ sussidju lil kull membru fil-party tal-Milied. Billi faddalna aktar mhux se narmu flus għalxejn. Minn żmien għal żmien nagħtu wkoll xi donazzjoni li min ikun ħaqqu. Nixtru u nibagħtu wkoll kartolina għall-birthday tal-membri. Grazzi lil kull min jagħmel xi ħaġa tajba mingħajr interess. Bħala membri, issa qbiżna il-180. Minn kalkolu li għamilt jien, huma biss madwar 50% li jattendu b'mod regolari. Nixtieq l-għajnuna tagħkom sabiex inkunu nafu il-50% l-oħra għalfejn mhumiex regolari. Naf li hemm min m'għandux bżonn aktar il-grupp u dan huwa sewwa għax sinjal li jkun mexa f'ħajtu. Imma naf ukoll li hawn min ma jiġix minħabba l-karattru jew li għadu għaddej minn żmien ta' niket. Dawn tal-aħħar għandhom bżonn l-għajnuna.

*Ikompli f'paġna 3*

TIFKIRIET TAL-IMGĦODDI

Dan il-ħafna ħasil tal-idejn fiż-żmien il-pandemija ifakkarni fil-Pieros.

Dan Pieros kien hu n-nanna Rożina, omm ommi. Lil ommi darba staqsejtha.....Imma vera jismu Pieros? Le, qaltli, propja ismu huwa Ġużeppi Debono. Jien kont tifla u minn dejjem niftakru xiħ, qasir, niexef, bil-beritta f'rasu u bil-kmiem imxammrin. Kien fih karattru ħa ngħidlek!

Raġel xummiema kien!

Mela l-Pieros naħseb li kien ibati bl-OCD għax il-ħin kollu jaħsel idejh. Kien joqgħod ġo terran żgħir ftit 'il fuq min-nanna Rożina u lanqas elettriku ma kellu d-dar. Jien niftakar kien iżomm ħdejh landa kunserva mill-kbar mimlija bl-ilma ċar u xħin ifettillu tarah jaħsel idejh u jixxuttahom f'xugaman abjad nadif tazza. Spiss kien jirrepeti dan ir-ritwal, li kien iqabbdek attakk nervuż tħares lejh!

Dan il-Pieros ma kienx miżżewweġ. Baqa' ġuvni ħajtu kollha. Forsi għax kieku kellu mara, ma kienx jafdaha tmisslu ħwejġu. Biex idawwar lira, kien jiksi s-siġġijiet tas-sogħda (Pjanta bil-weraq tawwalin, irqaq u b'saħħithom li jinbarmu bħal ħabel irqiq. B'dan il-materjal kienu jsiru s-siġġijiet magħrufin tas-sogħda li kienu popolari ħafna dari kemm fid-djar kif ukoll fil-knejjes).

Kien ixarrab is-sogħda u jinseġ din is-sogħda sakemm ilesti l-qigħan tas-siġġijiet. Ħafna minn dawn is-siġġijiet kont issibhom fil-knejjes. Din is-sena tas -sogħda ntilfet għal kollox illum!

Darba fost l-oħrajn smajt lin-nies jgħajtu fit-triq. Miet il-Pieros! Għadni nisma' dal-kliem jidwi f'widnejja. Kulħadd kien jafu fit-triq, imma meta miet spiċċa kien waħdu. Imsomma. Ħalliena! Karattru umli u ta' ftit kliem.

Lili ħallieli tifkiriet li ma ninsa qatt.

26/02/2021

M'LOUISE SUDA

**<u>Ġmiel in-Natura</u>**

Uff! Erġajt b'din il-burdata
Li ma jkolli aptit xejn.
Kull problema li tinqala'
'flok waħda nagħmilha tnejn.

Ilbist u qbadt il-karozza,
lejn il-baħar bil-mod soqt,
biex nibdel il-burdata u
arja nadifa nkun doqt.

Fuq bank wiċċi lejn il-baħar
intasabt bla ebda xkiel,
inħares lejn in-natura
u nitgħaxxaq b'dak il-ġmiel.

B'dik ix-xena ta' quddiemi,
kollox f'postu u sabiħ.
Xejn ma tostor, xejn ma taħbi,
il-ġmiel kollu qed turih.

B'dan il-ġmiel ta' din-natura,
għajnejja t-tnejn iċċassaw.
Dehra bħal dik ta' quddiemi
ftit li xejn kienu jaraw.

Spiċċaw in-nervi li kelli,
bil-maqlub, kuntent tassew.
Veduti bħal ta' quddiemi
diffiċli li jintesew.

Li kien għalija nibqa' hawn,
bla biża' u bla tiġrib.
Anzi ħa nqum minn bilqiegħda
u nipprova nersaq qrib.

U x-xjafek x'għamilt b'idejja!
Ara veru żvinturat.
Bilkemm kont għamilt żewġ passi
għax mill-ewwel indunat.

Il-malja malajr hi libset
u sparixxiet minnufih.
Daqshekk ġmiel, daqshekk natura
Kollox spiċċa, tar mar-rih.

Joseph Farrugia.

Dalwaqt tasal il-**Laqgħa Ġenerali Annwali.** Se tkun f'Marzu li ġej u se terġa' ssir fuq jum wieħed. Nixtieq li jerġa' jkollna elezzjoni oħra bħalma kellna f'dawn l-aħħar ftit snin. Dan juri l-interess tal-membri fil-grupp. Ħadd minna ma hu etern u xi darba anke dan il-kumitat ikun hemm bżonn li jinbidel u jiġġedded. Dalwaqt se noħorġu l-formola biex min jixtieq jagħti sehmu fil-kumitat, jimlieha.

Il-membership għandha titħallas dan ix-xahar (Jannar 2025). Ma nixtieqx noqgħod niġri wara dak u l-ieħor sabiex iħallas il-membership. Din se tibqa 15€. Infakkar li min ma jħallasx il-membership, jiġi eskluż mill-attivitajiet tal-Minus One.

**Victor**